MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2008

Numru 106/1999

PULIZIJA
SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD
VS
MARIO COLEIRO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mario Coleiro ta’ 64 sena, iben Carmelo u Theresa nee’ Cilia, imwieled il-Furjana fl-4 ta’ Frar 1935 u joqghod Omega Crt/12 Triq Annanija, San Pawl il-Bahar, ID 171035(M).

U akkuzat talli f’dawn il-gzejjer bejn 01.03.93 u 06.11.96, bhala propjetarju jew amministratur tal-fond, Villa Arcadia Triq il-Kejla, l-Ibragg, limiti ta’ San Giljan, b’azzjonijiet differenti, bi ksur ta’ l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u mghamula b’rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta’ kurrent elettriku li jammonta ghal-Lm69.33 (disa u sittin Lira Maltin u tlieta u tletin centezmi), ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, volontarjament ghamel hsara

jew kisser xi parti minn xi meter ta’ l-elettriku jew is-sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni uzati fil-provista ta’ l-elettriku jew is-sigilli taghhom, ghad-dannu tal-Korporazzjoni ta’ l-Enemalta, liema serq huwa aggravat bil-mezz, ksur u valur, u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 263, 264 u 267 tal-Kapitlu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-ligi, f’kaz ta’ htija, tapplika ukoll l-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezibiti, l-atti kollha tal-kas;

Illi din il-kawza ghal serq ta’ elettriku f’ammont ta’ 161.50 Euro (ekwivalenti ghal Lm69.33) giet intavolata fl-17 ta’ Frar tas-sena 1999 u ghajr li gie ezebit il-process verbal mac-citazzjoni, ma nstemghu ebda provi quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif diversament preseduta.

Ikkunsidrat:

Illi mill-istadju fejn il-Qorti kif preseduta, hadet il-kaz f’idejha u cioe fl-14 ta’ Frar 2002 tal-gurnata tal-lum, il-prosekuzzjoni kienu ghadhom qed jinfurmaw lil Qorti illi l-imputat kien marid serjament u ghaldaqstant ma kienx f’posizzjoni li jattendi l-Qorti. Il-prosekuzzjoni pero kienet mizinfurmata kompletament stante li l-imputat, Mario Coleiro miet fit-18 ta’ Settembru 2006, skond kif jidher mic-certifikat tal-mewt ipprezentat illum, 24 ta’ Settembru 2008, ezebit bhala Dok.X

Il-Qorti ghaldaqstant tiddikjara li fil-konfront ta’ l-imputat il-procediment huwa estint.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------